# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 19 ta' Frar tas-sena 2002.**

**Numru 20**

**Avviz numru 858/00/SM**

**Middle Sea Insurane p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Dr. Godwin Aquilina abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Dr. Godwin Aquilina.**

**vs**

**Josephine Spiteri**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz datat is-7 ta' Lulju tas-sena 2000 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghadniex tkun ikkundannata:**

1. **Thallas is-somma komplessiva ta' LM689.69,0, sitt mija u disa u tmenin lira u disa' u sittin**

**centemzu jew somma ohra verjuri li tigi hekk likwidata minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-kollizjoni li grat bejn il-vetturi KAI 153 u FAD 063, liema danni gew kawzati b'rizultat tal-kollizjoni li grat fil-11 t'April 2000, fi Triq is-Swatar, Msida, stante li hi unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte taghha;**

2. **Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghal LM10, tal-ittra legali tat-12 ta' Gunju 2000 u dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra l-assigurazzjoni taghh, kontra l-konvenutali giet ingunta bis-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-23 ta' Novembru tas-sena 2000 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

1. **Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fattu fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' attrici billi l-incident meritu tal-kawza gara unikament minhabba t-tort u traskuragni tas-sewwieq tal-vettura proprjeta' ta' Dr. Godwin Aquilina;**

2. **Illi l-ammont pretiz mill-attrici, kif inferit mill-presentata tal-azzjoni taghha f'din l-istanza u mhux fl-istanza inferjuri, huwa eccessiv;**

3. **Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fil-11 t'April tas-sena 2000 ghall-habta tal-4.45 ta' filghaxija fi Triq is-Swatar, Msida, hdejn il-"Price Club" u fih kienu involuti vettura tal-marka Peugeot bin-numru KAI-153 misjuqa minn Lorraine Aquilina u vettura tal-marka Volkswagon Polo bin-numru FAD-063 misjuqa minn Josephine Spiteri;**

**2. Illi z-zewg konducenti kienu qed isuqu fid-direzzjoni opposta ghal xulxin u ma jirrizulta l-ebda ostakolu ghall-vizwali taghhom tat-triq;**

**3. Illi l-assigurata tas-socjeta' attrici nomine sofriet id-danni minnha rikjamati fl-avviz odjern;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in effetti jirrizulta z-zewg konducenti kienu qed isuqu l-vetturi taghhom minghajr ostakoli li setghu inaqqsulhom il-vizwali taghhom;**

**Illi l-velocita' taz-zewg konducenti tirrizulta wkoll wahda sostenuta li kkontribwiet ghall-akkadut;**

**Illi in n-nuqqas ta' prudenza taz-zewg konducenti tidher assodata stante li hi l-fehema ta' din il-qorti li kieku dawn kienu prudenti dan l-incident kien jigi facilment evitat;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

**1. Tiddikjara lil Lorraine Aquilina u Josephine Spiteri ugwalment responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-assigurata tas-socjeta' attrici nomine fl-ammont ta' sitt mija u disa' u tmenin Lira Maltin u disa u sittin centezmu, (LM689.69,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenuta Josephine Spiteri thallas lill-atturi l-ammont ta' tlett mija u erba' u erbghin Lira Maltin u hamsa u tmenin**

**centezmu, (LM344.85,0), bl-ispejjez jinqasmu b'mod ugwali bejn il-konvenuta u l-atturi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**